**GVERN TA' MALTA**
UFFIĊĊJU TAL-KABINETT
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# GĦOTI TA' UNURI U DEKORAZZJONIJIET NAZZJONALI

Malta tagħti ġieħ pubbliku lil ċittadini Maltin li jiddistingwu ruħhom f'oqsma differenti tal-ħajja u li l-kontribut u l-kisbiet tagħhom kabbru l-ġid u tejbu l-kundizzjonijiet ġenerali taċ-ċittadini Maltin.

Kull ċittadin Malti, grupp ta' persuni jew organizzazzjoni volontarja li tkun reġistrata mal-Kummissarju skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji jistgħu jiġu nominati għall-għoti ta' unur f'Jum ir-Repubblika.

Nominazzjonijiet għas-sena 2024 qegħdin jiġu aċċettati mill-Kumitat tan-Nomini. Dawn għandhom jintbagħtu fuq il-formola tan-nomina liċ-**Chairperson, Kumitat tan-Nomini, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta VLT 1061**, mhux aktar tard mill-Ħadd, 11 t'Awwissu 2024.

Il-formoli jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta jew mill-website tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru **www.opm.gov.mt**. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kabinett fuq 22001481.

Il-persuni nominati la għandhom jiġu kkuntattjati għal xi dettalji u lanqas infurmati dwar in-nominazzjoni tagħhom.